MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2010

Appell Kriminali Numru. 131/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anisse Bejaoui**
***… omissis …***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Anisse Bejaoui u persuna ohra talli:

(1) fil-lejl tas-6 ta’ Marzu 2010 ghall-habta ta’ bejn 18:00 hrs u 19:00 hrs gewwa r-Rabat ikkommettew serq ta’ diesel minn truck bil-high-up bin-numru tar-registrazzjoni DAE 982, liema serq huwa aggravat bil-hin u bil-haga misruqa;

(2) fl-istess jum, lok u cirkostanzi b’xi mod li jkun, xjentement, ghenu lil xulxin jew assistew lill-awtur tad-delitt u cioe` fl-atti li bihom id-delitt kien gie ppreparat jew ikkunsmat;

(3) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indahlu biex ibighuhom jew imexxuhom meta kienu jafu li l-haga kienet gejja minn serq;

***Lil Anisse Bejaoui wahdu:***

(4) talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi saq vettura BAT 287 tal-ghamla Mercedes minghajr licenzja tal-Awtorita` tat-Trasport Pubbbliku jew tal-Kummissarju tal-Pulizija;

(5) talli huwa sar recidiv b’19-il sentenza dwar serq moghtija fi zminijiet differenti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-10 ta’ Marzu 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq l-ammissjoni ta’ l-imsemmi Anisse Bejaoui, sabitu hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu hlief ghat-tielet imputazzjoni li hija alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni u minnha lliberatu, u wara li rat l-artikoli 261(f)(g), 270, 271, 281(b), 42(d), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannatu sentejn prigunerija;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Anisse Bejaoui minnu prezentat fit-23 ta’ Marzu, 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu din sabitu hati ta’ l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu hlief ghat-tielet imputazzjoni stante li din hija alternattiva ghall-imputazzjoni ta’ serq u ghalhekk illiberatu minnha, izda timmodifikaha in kwantu l-piena inflitta tigi mibdula f’piena alternattiva u mhux wahda ristrettiva tal-liberta` tieghu ;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan l-appell jirrigwarda l-piena nflitta u li l-appellant iqis bhala esagerata. L-appellant jghid li harsa lejn il-fedina penali tieghu turi li l-bicca l-kbira tar-reati, izda mhux unikament, huma konnessi ma' serq ta' vetturi bil-hsieb li jaghmel uzu temporaneju minnhom u reati in konnessjoni mas-sewqan minghajr licenzja. Dan juri li l-appellant ghandu kilba ghall-karozzi u ghas-sewqan kif ukoll kilba ghall-flus. Jghid li dawn il-kilbiet jistghu jitqiesu bhala "addiction" u ghalhekk ghandhom jigu indirizzati. L-appellant izid jghid : "Ghalkemm ai fini ta' gustizzja u harsien tas-socjeta` l-appellant ghandu jerfa' r-responsabbilta` ghall-eghmil tieghu u in segwitu l-konsegwenzi li dan igib mieghu, dan ma jfissirx li sa fejn hu possibbli u jaqa' fi hdan il-parametri tal-ligi, dan m'ghandux jinghata l-possibilita` li jeghleb il-problemi li jikkagunawh jagixxi b'dan il-mod, specjalment fid-dawl tal-fatt li l-appellant ghadu ta' eta` zghira u ghalhekk forsi bil-hila ta' dan jista' jibda jitghallem irazzan lilu nnifsu u jaqbad triq ohra. Dan zgur ma jkunx possibbli permezz ta' piena karcerarja fit-tul." Konsegwentement, jissottometti l-appellant, l-ewwel Qorti setghet applikat l-artikolu 7 tal-Kap. 446 u b'hekk qeghditu taht *probation* sabiex jigi segwit u jinghata direzzjoni. Waqt it-trattazzjoni gie sottomess mid-difensur ta' l-appellant li minbarra l-"kilbiet" imsemmija, l-appellant ghandu wkoll problema ta' droga.

Jinghad l-ewwelnett illi s-sentenza appellata nghatat wara ammissjoni inkondizzjonata ta' l-appellant. Bhalma qalet din il-Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Jonathan Attard** moghtija fis-26 ta' Mejju 2004[1]:

---

[1] Ara wkoll, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **The Republic v. Ahmed Ben Taher**, 6 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika v. Mohamed Mohamed Abusetta**, 4 ta' Dicembru 2003; **Il-Pulizija v. Emmanuele Magro**, 2 ta' Gunju 2004

**“Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista’ tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta’ appell ma jidhlux f’ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.”**

Issa, kwantu ghall-piena nflitta, m’hemm l-ebda dubju li din taqa’ fil-parametri tal-ligi. Difatti l-piena applikabbli hi ta’ prigunerija ghal zmien minn seba’ xhur sa sentejn li ma tinghatax fil-*minimum* taghha (artikolu 281(a)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta). Inoltre, stante l-addebitu ta’ recidiva, il-piena tista’ tizdied bi grad. Dan ifisser li l-piena titla’ ghal zmien minn disa’ xhur sa tliet snin.

Issa, din il-Qorti ezaminat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellant u minnha jirrizulta illi ghandu problemi serji ta’ mgieba. Difatti l-ewwel kundanna tirrisali ghall-11 ta’ Frar 2003 meta nstab hati li xehet oggett iebes fid-direzzjoni ta’ persuna u kkagunalha feriti ta’ natura hafifa, u dan fl-14 ta’ Ottubru 2002 meta l-appellant kien ghad ghandu biss tlettax-il sena. Imbaghad fil-15 ta’ Jannar 2004 instab hati li fl-10 ta’ Lulju 2003 hebb ghal ommu billi waddbilha oggetti ibsin u anke kkawzalha hsarat ta’ natura volontarja. Issegwi mbaghad kundanna ghal serq ta’ petrol mill-vettura ta’ ommu (sentenza tas-17 ta’ Settembru 2003) u kundanna ghal serq tal-karozza ta’ ommu u sewqan ta’ l-istess minghajr ma kellu licenzja u minghajr kopertura assikurattiva (sentenza tat-23 ta’ Settembru 2004). Minn hemm ‘il quddiem hemm diversi kundanni dwar serq, serq ta’ uzu ta’ karozzi, u sewqan bla licenzja u bla assikurazzjoni. B’sentenza tad-9 ta’ Dicembru 2004 tqieghed taht *probation* ghal tliet snin. Dan

jidher li ma sewa ghal xejn ghax b'sentenza tal-15 ta' Ottubru 2007 instab hati li kiser il-*probation* minhabba numru ta' reati li kien ikkommetta.

Huwa evidenti ghal din il-Qorti illi l-appellant ghandu bzonn ta' ghajnuna u ta' min isegwieh biex jinghata direzzjoni. Aktar u aktar jekk issa ghandu wkoll problema ta' droga. Fl-istess hin din il-Qorti hi tal-fehma li s-socjeta` ghandha bzonn tigi protetta minn persuni bhall-appellant, u dan billi ghal perijodu jitwarrab mis-socjeta`, b'dan illi dak il-perijodu jsir l-ahjar uzu minnu billi jinghata l-ghajnuna u *support* kollu li ghandu bzonn. Din il-Qorti temmen illi l-appellant ghandu bzonn immedjat ta' evalwazzjoni psikologika sabiex tkun tista' tithejja ghalih *care plan* waqt li jkun jinsab fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u/jew f'dik l-istituzzjoni li jista' jibbenefika minnha jekk jirrizulta li ghandu wkoll problema ta' abbuz tad-droga. Ghalhekk tattira l-attenzjoni ta' dan kollu lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex jiehu l-azzjoni necessarja fir-rigward.

Ghal dawn il-motivi :

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu tirrigwarda l-appellant Anisse Bejaoui fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------